



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 2 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

10126/23
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0165(COD)

TRANS 221
MAR 80
OMI 47
CODEC 1016
IA 132
ILO 6

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	1 ta' Ġunju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 271 final - Annexes 1 to 5
Suġġett:	ANNESSI tal-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/16/KE dwar il-kontroll mill-Istat tal-port

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuz id-dokument COM(2023) 271 final - Annexes 1 to 5.

Mehmuz: COM(2023) 271 final - Annexes 1 to 5



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.6.2023
COM(2023) 271 final

ANNEXES 1 to 5

ANNESI

tal-

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

li temenda d-Direttiva 2009/16/KE dwar il-kontroll mill-Istat tal-port

{SEC(2023) 202 final} - {SWD(2023) 148 final} - {SWD(2023) 149 final}

ANNESS I

“I. Profil ta’ Riskju tal-vapur

Il-profil ta’ riskju tal-vapur għandu jiġi ddeterminat permezz ta’ kombinament tal-parametri ġeneriċi, storiċi, u ambjentali li ġejjin.

1. Parametri ġeneriċi

- (a) Tip ta’ vapur
Vapuri tal-passiġġieri, tankers taż-żejt u kimiċi, tankers tal-gass u trasportaturi ta’ tagħbija bl-ingrossa għandhom jiġu kkunsidrati li jippreżentaw riskju oġhla.
- (b) Kemm għandu żmien il-vapur
Vapuri li għandhom aktar minn 12-il sena huma kkunsidrati li jippreżentaw riskju oġhla.
- (c) Prestazzjoni ta’ Stat tal-Bandiera
 - (i) Vapuri li jtajru l-bandiera ta’ Stat b’rata għolja ta’ detenzjoni fil-Komunità u fir-reġjun tal-MtQ ta’ Pariġi għandhom jiġu kkunsidrati li jippreżentaw riskju oġhla.
 - (ii) Vapuri li jtajru l-bandiera ta’ Stat b’rata ta’ detenzjoni baxxa fil-Komunità u fir-reġjun tal-MtQ ta’ Pariġi għandhom jiġu kkunsidrati li jippreżentaw riskju aktar baxx.
 - (iii) Vapuri li jtajru l-bandiera ta’ Stat li jkun irratifika l-istrumenti obbligatori kollha tal-IMO elenkati fl-Artikolu 2(1) għandhom jiġu kkunsidrati li jippreżentaw riskju aktar baxx. Malli l-miżuri msemmijin fl-Artikolu 10(3) jiġu adottati, l-Istat tal-bandiera ta’ tali vapur għandu juri konformità mal-Kodiċi għall-implimentazzjoni ta’ strumenti obbligatori tal-IMO.
 - (iv) Vapuri li jtajru l-bandiera ta’ Stat li jkun ipprova verżjonijiet elettroniċi taċ-ċertifikati statutorji stabbiliti fil-punti 1-XX tal-Anness IV.
- (d) Organizzazzjonijiet rikonoxxuti
 - (i) Vapuri li jkunu ngħataw ċertifikati minn organizzazzjonijiet rikonoxxuti li għandhom livell ta’ prestazzjoni baxx jew baxx ħafna f’rabta mar-rati ta’ detenzjoni tagħhom fil-Komunità u fir-reġjun tal-MtQ ta’ Pariġi għandhom jiġu kkunsidrati li jippreżentaw riskju oġhla.
 - (ii) Vapuri li jkunu ngħataw ċertifikati minn organizzazzjonijiet rikonoxxuti li għandhom livell ta’ prestazzjoni għoli f’rabta mar-rati ta’ detenzjoni tagħhom fil-Komunità u fir-reġjun tal-MtQ ta’ Pariġi għandhom jiġu kkunsidrati li jippreżentaw riskju aktar baxx.
 - (iii) Vapuri li jkunu nħarġulhom ċertifikati minn organizzazzjonijiet rikonoxxuti skont it-termini tar-Regolament (KE) Nru 391/2009.
- (e) Prestazzjoni ta’ kumpanija
 - (i) Vapuri ta’ kumpanija bi prestazzjoni baxxa jew baxxa ħafna kif determinat mir-rati ta’ nuqqasijiet u ta’ detenzjoni tal-vapuri tagħha fil-Komunità u fir-reġjun tal-MtQ ta’ Pariġi għandhom jiġu kkunsidrati li jippreżentaw riskju oġhla.

- (ii) Vapuri ta' kumpanija bi prestazzjoni għolja kif determinat mir-rati ta' nuqqasijiet u ta' detenzjoni tal-vapuri tagħha fil-Komunità u fir-reġjun tal-MtQ ta' Pariġi għandhom jiġu kkunsidrati li jippreżentaw riskju aktar baxx.
- (f) Parametri storiċi
 - (i) Vapuri li nżammu għal aktar minn darba, għandhom jiġu kkunsidrati bħala li jippreżentaw riskju ogħla.
 - (ii) Vapuri li, waqt spezzjoni(ijiet) imwettqa fil-perjodu msemmi fl-Anness II kellhom inqas mill-għadd ta' nuqqasijiet msemmija fl-Anness II, għandhom jiġu kkunsidrati li jippreżentaw riskju aktar baxx.
 - (iii) Vapuri li ma nżammux waqt il-perjodu msemmi fl-Anness II għandhom jiġu kkunsidrati li jippreżentaw riskju aktar baxx.

Il-parametri tar-riskju għandhom ikunu kkombinati permezz ta' ponderazzjoni li tirrifletti l-influwenza relattiva ta' kull parametru fuq ir-riskju ġenerali tal-vapur sabiex jiġu ddeterminati l-profilu ta' riskju tal-vapur li ġejjin:

- livell ta' riskju għoli,
- livell ta' riskju standard,
- livell ta' riskju baxx.

Meta jiġu ddeterminati dawn il-profilu ta' riskju għandha tingħata enfasi akbar lill-parametri tat-tip ta' vapur, il-prestazzjoni tal-Istat tal-bandiera, l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti u l-prestazzjoni tal-kumpanija.

- (g) Parametri ambjentali
 - (i) L-Indikatur tal-Intensità tal-Karbonju tal-vapur, il-vapuri li huma tal-kategorija D-E għandhom jiġu kkunsidrati li jippreżentaw riskju ogħla.
 - (ii) Vapuri li, waqt spezzjoni(ijiet) imwettqin fil-perjodu msemmi fl-Anness II, kellhom inqas mill-għadd ta' nuqqasijiet relatati ma' MARPOL, AFS, BWMC, CLC 92, il-Konvenzjoni dwar il-Bunkers u l-Konvenzjonijiet ta' Nairobi msemmijin fl-Anness II, għandhom jiġu kkunsidrati li jippreżentaw riskju aktar baxx.

ANNEX II

DISINN TA' PROFIL TA' RISKJU TAL-VAPUR

(kif imsemmija fl-Artikolu 10(2))

				Profil			
				Vapur b'Livell ta' Riskju Għoli (HRS)		Vapur b'Livell ta' Riskju Standard (SRS)	Vapur b' Livell ta' Riskju Baxx (LRS)
Parametri ġeneriċi				Kriterji	Punti ta' ponderazzjoni	Kriterji	Kriterji
1	Tip ta' vapur			Tanker tas-sustanzi kimiċi Tanker tal-Gass Tanker taż-żejt Trasportatur ta' tagħbija bl-ingrossa Vapur tal-passiġġieri	1	la vapur b'livell ta' riskju għoli u lanqas vapur b'livell ta' riskju baxx	It-tipi kollha
2	Kemm għandu żmien il-vapur			it-tipi kollha > 12-il sena	1		Ta' kull żmien
3a	Bandiera	Prestazzjoni baxxa			2		Prestazzjoni għolja
3b		L-istrumenti kollha tal-IMO elenkati fl-Artikolu 2 irratifikati		-	-		Iva
3c		Ċertifikat elettroniku		Iċ-ċertifikati statutorji jiġu trażmessi b'mod diġitali lis-sistema tal-informazzjoni			
4a	Organizzazzjoni rikonossuta	Prestazzjoni	H	-	-		Għolja
			M	-	-		-
			L	Baxxa	1		-
			VL	Baxxa ħafna			-
4b		Rikonossuti mill-UE		-	-		Iva
5	Kumpanija	Prestazzjoni	H	-	-		Għolja
			M	-	-		-
			L	Baxxa	2		-
			VL	Baxxa ħafna			-
Parametri storiċi							
6	Għadd ta' nuqqasijiet reġistrati waqt kull spezzjoni fl-aħħar 36 xahar	Nuqqasijiet	>6 f'waħda mill-ispezzjonijiet	-		≤ 5 f'kull spezzjoni individwali (u mill-inqas spezzjoni waħda mwettqa fl-aħħar 36 xahar)	

7	Għadd ta' detenzjonijiet fl-aħħar 36 xahar	Detenzjonijiet	≥ 2 detenzjonijiet	1	L-ebda detenzjoni
Parametri ambjentali					
8	Indikatur tal-Intensità tal-Karbonju (CII)	Klassifikazzjoni	D-E	1	
9	L-għadd ta' nuqqasijiet relatati ma' MARPOL, AFS, BWM, CLC 92, il-Konvenzjonijiet dwar il-Bunkers u ta' Nairobi rreġistrati f'kull spezzjoni fl-aħħar 36 xahar	Nuqqasijiet	>3 f'waħda mill-ispezzjonijiet	1	

L-HRS huma vapuri li jissodisfaw il-kriterji għal valur totali ta' ħames punti ta' ponderazzjoni jew aktar. L-LRS huma vapuri li jissodisfaw il-kriterji kollha tal-Parametri għar-Riskju Baxx.

L-SRS huma vapuri li la huma HRS u lanqas LRS

ANNESS III

“Anness IV

LISTA TA' ĊERTIFIKATI U DOKUMENTI

(imsemmija fl-Artikolu 13(1))

Parti A Lista ta' ċertifikati u dokumenti li sa fejn applikabbli għandhom jiġu vverifikati bħala minimu matul l-ispezzjoni msemmija fil-paragrafu 2.2.3 (kif xieraq):

1. Ċertifikat ta' Tunnellaġġ Internazzjonali;
2. Rapporti ta' spezzjonijiet preċedenti ta' kontroll mill-Istat tal-port;
3. Ċertifikat tas-Sikurezza tal-Vapuri tal-Passiġġieri (SOLAS 1974, ir-regolament I/12);
4. Ċertifikat ta' Kostruzzjoni tas-Sikurezza tal-Vapuri tal-Merkanzija (SOLAS 1974, ir-regolament I/12);
5. Ċertifikat tat-Tagħmir tas-Sikurezza tal-Vapuri tal-Merkanzija (SOLAS 1974, ir-regolament I/12);
6. Ċertifikat tar-Radju tas-Sikurezza tal-Vapuri tal-Merkanzija (SOLAS 1974, ir-regolament I/12);
7. Ċertifikat tas-Sikurezza tal-Vapuri tal-Merkanzija (SOLAS 1974, ir-regolament I/12);
8. Ċertifikat ta' Eżenzjoni (SOLAS 1974, ir-regolament I/12);
9. Dokument dwar l-Ekwipage Minimu Sikur (SOLAS 1974, ir-regolament V/14.2);
10. Ċertifikat Internazzjonali tal-Linja tat-Tagħbija (1966) (LLC 66/88, l-artikolu 16.1);
11. Ċertifikat Internazzjonali ta' Eżenzjoni tal-Linja tat-Tagħbija (LLC 66/88, l-artikolu 16.2);
12. Ċertifikat Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis miż-Żejt (MARPOL, l-Anness I, ir-regolament 7.1);
13. Ċertifikat Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis għall-Ġarr ta' Sustanzi Likwidi Noċivi bl-Ingrossa (NLS) (MARPOL, l-Anness II, ir-regolament 9.1);
14. Ċertifikat Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis mid-Drenaġġ (ISPPC) (MARPOL, l-Anness IV, ir-regolament 5.1, MEPC.1/Circ.408);
15. Ċertifikat Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis tal-Arja (IAPPC) (MARPOL, l-Anness VI, ir-regolament 6.1);
16. Ċertifikat Internazzjonali tal-Effiċjenza Enerġetika (MARPOL, l-Anness VI, ir-regolament 6);
17. Ċertifikat Internazzjonali għall-Ġestjoni tal-Ilma tas-Saborra (IBWMC) (BWMC l-Art 9.1(a) u r-regolament E-2);
18. Ċertifikat Internazzjonali tas-Sistema ta' Antifouling (ċertifikat tal-IAFS) (AFS 2001 l-Anness 4 tar-regolament 2);
19. Dikjarazzjoni dwar l-AFS (AFS 2001 l-Anness 4 tar-regolament 5);
20. Ċertifikat Internazzjonali tas-Sigurtà tal-Vapuri (ISSC) jew Ċertifikat Internazzjonali Interim għas-Sigurtà tal-Vapuri (il-Kodiċi ISPS il-parti A/19 u l-appendiċijiet);

21. Ċertifikati għall-kaptani, l-uffiċjali jew il-klassifikazzjonijiet maħruġa f'konformità mal-Konvenzjoni STCW (STCW l-Art. VI, ir-regolament I/2 u t-taqsima A-I/2 tal-Kodiċi STCW);
22. Kopja tad-Dokument ta' Konformità jew kopja tad-Dokument *Interim* ta' Konformità maħruġ f'konformità mal-Kodiċi Internazzjonali ta' Ġestjoni għat-Tħaddim Sikur tal-Vapuri u għall-Kodiċi tal-ISM tal-Prevenzjoni tat-Tniġġis (DoC) (ir-regolament SOLAS IX/4.2, il-Kodiċi ISM, il-paragrafi 13 u 14);
23. Ċertifikat ta' Ġestjoni tas-Sikurezza jew Ċertifikat *Interim* ta' Ġestjoni tas-Sikurezza maħruġ f'konformità mal-Kodiċi Internazzjonali ta' Ġestjoni għat-Tħaddim Sikur tal-Vapuri u għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis (SMC) (SOLAS 1974, ir-regolament IX/4.3, il-Kodiċi ISM, il-paragrafi 13 u 14);
24. Ċertifikat Internazzjonali ta' Idoneità għat-Trasport ta' Gassijiet Likwifikati bl-Ingrossa, jew iċ-Ċertifikat ta' Idoneità għat-Trasport ta' Gassijiet Likwifikati bl-Ingrossa, skont liema jkun xieraq (ir-regolament 1.5.4 dwar il-Kodiċi tal-IGC jew ir-regolament 1.6 dwar il-Kodiċi tal-GC);
25. Ċertifikat Internazzjonali ta' Idoneità għat-Trasport ta' Sustanzi Kimiċi Perikolużi bl-Ingrossa, jew iċ-Ċertifikat ta' Idoneità għat-Trasport ta' Sustanzi Kimiċi Perikolużi bl-Ingrossa, skont liema jkun xieraq (ir-regolament 1.45.4 dwar il-Kodiċi tal-IBC u r-regolament 1.6.3 dwar il-Kodiċi tal-BCH); 26 INF (il-Kodiċi Internazzjonali għat-Trasport Sikur ta' Fjuwil Nukleari Rradjat Imballat, Plutonju u Skart Radjuattiv ta' Livell Għoli Abbord il-Vapuri) Ċertifikat ta' Idoneità (ir-regolament SOLAS VII/16 u l-Kodiċi INF reg.1.3);
26. INF (il-Kodiċi Internazzjonali għat-Trasport Sikur ta' Fjuwil Nukleari Irradjat Imballat, Plutonju u Skart Radjuattiv ta' Livell Għoli Abbord il-Vapuri) Ċertifikat ta' Idoneità (ir-regolament SOLAS VII/16 u l-Kodiċi INF reg.1.3);
27. Ċertifikat ta' assigurazzjoni jew kwalunkwe sigurtà finanzjarja oħra fir-rigward tar-responsabbiltà ċivili għad-danni mit-tniġġis taż-żejt (CLC 69/92 l-art. VII.2);
28. Ċertifikat tal-assigurazzjoni jew kwalunkwe garanzija finanzjarja oħra fir-rigward tar-responsabbiltà ċivili għad-danni mit-tniġġis taż-żejt tal-bunkers (BUNKERS 2001 l-art. 7.2);
29. Ċertifikat ta' Assigurazzjoni jew Sigurtà Finanzjarja oħra fir-rigward tar-Responsabbiltà għat-Tneħħija ta' Relitti (Tneħħija tar-Relitti, l-Artikolu 12);
30. Ċertifikat ta' Sikurezza tal-Inġenji ta' Veloċità Għolja u Permess għat-Tħaddim ta' Inġenji ta' Veloċità Għolja (SOLAS 1974, ir-regolament X/3.2 u l-Kodiċi 94/00 tal-HSC ir-regolamenti 1.8.1 u 1.9);
31. Dokument ta' konformità mar-rekwiżiti speċjali għall-vapuri li jgħorru merkanzija perikoluża (SOLAS 1974, ir-regolament II-2/19.4);
32. Dokument ta' awtorizzazzjoni għall-ġarr tal-ħbub u manwal dwar it-tagħbija tal-ħbub (SOLAS 1974, ir-regolament VI/9; Il-Kodiċi Internazzjonali għall-Ġarr Sikur ta' Ħbub bl-Ingrossa, it-taqsima 3);
33. Dikjarazzjoni ta' Konformità tal-Iskema ta' Valutazzjoni tal-Kundizzjoni (CAS), Rapport Finali tal-CAS u Rekord ta' Rieżami (MARPOL l-Anness I, ir-regolamenti 20 u 21; ir-riżoluzzjoni MEPC.94(46), kif emendata bir-riżoluzzjonijiet MEPC.99(48), MEPC.112(50), MEPC.131(53), ir-riżoluzzjoni MEPC.155(55), u MEPC.236(65);

34. Reġistru Sinottiku Kontinwu (SOLAS 1974, ir-regolament xi-1/5);
35. Ktieb tar-Rekords taż-Żejt, il-partijiet I u II (MARPOL, l-Anness I, ir-regolamenti 17 u 36);
36. Ktieb tar-Rekords tal-Merkanzija (MARPOL, l-Anness II, ir-regolament 15);
37. Ktieb tar-Rekords tal-Iskart, il-partijiet I u II (MARPOL, l-Anness V, ir-regolament 10.3); (MARPOL, l-Anness V, ir-regolament 10);
38. Pjan ta' Ġestjoni tal-Iskart (MARPOL, l-Anness V, ir-regolament 10; ir-riżoluzzjoni MEPC.220(63));
39. Ġurnal ta' abbord u r-reġistrazzjonijiet tal-livell u tal-istatus mixgħul/mitfi tal-magni tad-diżil tal-baħar (MARPOL, l-Anness VI, ir-regolament 13.5.3);
40. Ġurnal ta' abbord għall-bidla taż-żejt tal-fjuwil (MARPOL, l-Anness VI, ir-regolament 14.6);
41. Ktieb tar-Rekords tas-Sustanzi li Jnaqqsu l-Ożonu (MARPOL, l-Anness VI, ir-regolament 12.6);
42. Ktieb tar-Rekords tal-Ilma tas-Saborra (BWRB) (BWMC l-Art 9.1 (b) u r-regolament B-2);
43. Sistemi fissi għat-tifi tan-nar bil-gass – Ċertifikat ta' Eżenzjoni tal-ispazji tal-merkanzija u kwalunkwe lista ta' merkanzija (SOLAS 1974, ir-regolament II-2/10.7.1.4);
44. Manifest jew pjan ta' stivar ta' oġġetti perikolużi (SOLAS 1974, ir-regolamenti VII/4 u VII/7-2; MARPOL, l-Anness III, ir-regolament 54);
45. Għat-tankers taż-żejt, ir-rekord tas-sistema ta' monitoraġġ u kontroll tar-rimi taż-żejt għall-aħħar vjaġġ bis-saborra (MARPOL, l-Anness I, ir-regolament 31.2);
46. Pjan ta' kooperazzjoni għat-Tiftix u s-Salvataġġ għall-vapuri tal-passiġġieri li jinnegozjaw fuq rotot fissi (SOLAS 1974, ir-regolament V/7.3);
47. Għall-vapuri tal-passiġġieri, Lista ta' limitazzjonijiet operazzjonali (SOLAS 1974, ir-regolament V/30.2);
48. Ċarts nawtiċi u pubblikazzjonijiet nawtiċi (SOLAS 1974, ir-regolamenti V/19.2.1.4 u V/27);
49. Rekords tas-siġhat ta' mistrieħ u t-tabella tal-arranġamenti ta' ħidma abbord (it-taqsim tal-Kodiċi STCW A-VIII/1.5 u 1.7, il-Konvenzjoni tal-ILO Nru 180 u l-Art. 5.7, l-Art. 8.1 u l-MLC, l-Istandard 2006 A.2.3.10 u A.2.3.12);
50. Evidenza ta' spazji tal-makkinarju mhux ikkontrollati (UMS) (SOLAS 1974, ir-regolament II-I/46.3);
51. Ċertifikati mitluba skont id-Direttiva 2009/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-assigurazzjoni ta' sidien ta' vapuri għal pretensjonijiet marittimi;
52. Ċertifikat mitlub skont ir-Regolament (KE) Nru 392/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi ta' passiġġieri bil-baħar fil-każ ta' aċċidenti;

53. Ċertifikat dwar l-inventarju tal-materjali perikolużi jew dikjarazzjoni ta' konformità kif applikabbli skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill; u
54. Dokument ta' Konformità maħruġ skont ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE.

Parti B Lista ta' ċertifikati u dokumenti oħra li, sa fejn ikun applikabbli, huma meħtieġa jkunu abbord (kif xieraq):

1. Tpinġijiet tal-kostruzzjoni (reg. SOLAS II-1/3-7);
2. Fajl dwar il-Kostruzzjoni tal-Vapuri (reg. SOLAS II-1/3-10);
3. Ktejjeb tal-Immanuvrar u informazzjoni (reg. SOLAS II-1/28);
4. Informazzjoni dwar l-istabbiltà (regolamenti SOLAS II-1/5 u II-1/5-1 u LLC 66/88 ir-reg. 10);
5. Informazzjoni dwar is-suddiviżjoni u l-istabbiltà (MARPOL l-Anness I ir-reg. 28);
6. Pjanijiet u fuljetti għall-kontroll tad-danni (reg. SOLAS II-1/19; MSC.1/Circ.1245)
7. Manwal ta' Aċċess għall-Istrutturi tal-Vapuri (reg. SOLAS II-1/3-6);
8. Fajls Imtejba ta' Rapporti dwar l-Istħarriġ (fil-każ ta' trasportaturi ta' tagħbija bl-ingrossa jew tankers taż-żejt) (reg. SOLAS XI-1/2 u 2011 Kodiċi ESP il-paragrafi 6.2 u 6.3 tal-annex A, il-parti A u l-parti B, u l-annex B, il-parti A u l-parti B);
9. Manwal dwar l-Iżgurar tal-Merkanzija (reg. SOLAS VI/5.6 u VII/5; MSC.1/Circ.1353/Rev.1);
10. Ktejjeb dwar it-Trasportatur ta' Tagħbija bl-Ingrossa (reg. SOLAS VI/7.2 u XII/8, Kodiċi BLU);
11. Pjan ta' Tagħbija/Ħatt għal merkanzija bl-ingrossa (reg. SOLAS VI/7.3);
12. Informazzjoni dwar il-Merkanzija (reg. SOLAS VI/2 u XII/10, MSC/Circ.663);
13. Pjan/ktejjeb għall-kontroll tan-nirien (reg. SOLAS II-2/15.2.4 u II-2/15.3.2);
14. Ktejjeb operazzjonali dwar is-sikurezza kontra n-nirien (reg. SOLAS II-2/16.2);
15. Manwal ta' taħriġ dwar is-sikurezza kontra n-nirien (reg. SOLAS II-2/1 5.2.3);
16. Manwal tat-taħriġ (reg. SOLAS III/35);
17. Taħriġ abbord, provi u rekords tal-manutenzjoni (reg. SOLAS II-2/15.2.2.5 u r-reg. III/19.3 u III/19.5 u III/20.6 u III/20.7);
18. Pjanijiet u Proċeduri speċifiċi għall-vapuri għall-Irkupru ta' Persuni mill-Ilma (reg. SOLAS III/17-1; MSC.346(91); MSC.1/Circ.1447);
19. Sistema ta' appoġġ għad-deċiżjonijiet għall-kaptani (Vapuri tal-passiġġieri) (reg. SOLAS III/29);
20. Kodiċi Internazzjonali tas-Sinjali u kopja tal-Volum III tal-Manwal IAMSAR (reg. SOLAS V/21);
21. Rekords tal-attivitajiet tan-navigazzjoni (reg. SOLAS V/26 u V/28.1);

22. Pjan ta' Sigurtà tal-Vapuri u rekords assoċjati (reg. SOLAS XI-2/9 u Kodiċi ISPS l-parti A/9 u 10);
23. Ċertifikat Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis tal-Arja mill-Magni (EIAPPC) (Kodiċi Tekniku tal-NOX tal-2008 ir-reg. 2.1.1.1);
24. Fajl tekniku tal-EEDI (MARPOL l-Anness VI, ir-reg. 20);
25. Fajls tekniċi (Kodiċi Tekniku tal-NOX tal-2008 ir-reg. 2.3.4);
26. Reġistru tal-parametri tal-magna (Kodiċi Tekniku tal-NOX ir-reg. 2.3.7);
27. Ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip ta' inċineratur (MARPOL l-Anness VI ir-reg. 16.6);
28. Manwal Operazzjonali tal-Manifattur għall-Inċineraturi (MARPOL l-Anness VI ir-reg. 16.7);
29. Proċedura għall-Bidla taż-Żejt tal-Fjuwil għall-bidla taż-żejt tal-fjuwil (MARPOL l-Anness VI ir-reg. 14.6);
30. 30 Noti ta' konsenja tal-bunkers u Kampjun Rappreżentattiv (MARPOL l-Anness VI ir-reg. 18.6 u 18.8.1);
31. Pjan ta' Emerġenza Abbord għat-Tniġġis miż-Żejt (MARPOL l-Anness I ir-reg. 37.1; ir-riżoluzzjoni MEPC.54(32), kif emendata bir-riżoluzzjoni MEPC.86(44));
32. Pjan ta' Emerġenza Abbord għat-Tniġġis tal-Baħar għal Sustanzi Likwidi Noċivi (MARPOL l-Anness II ir-reg. 17);
33. Pjan għall-Ġestjoni tal-Effiċjenza Enerġetika tal-Vapuri (MARPOL l-Anness VI ir-reg. 22, MEPC.1/Circ795);
34. Pjan ta' Operazzjoni STS u Rekords tal-operazzjonijiet STS (MARPOL l-Anness I ir-reg. 41);
35. Manwal għall-Proċeduri u l-Arranġamenti (tankers tas-sustanzi kimiċi) (MARPOL l-Anness II ir-reg. 14.1; ir-riżoluzzjoni MEPC.18(22), kif emendata bir-riżoluzzjoni MEPC.62(35));
36. Pjan ta' Ġestjoni tal-VOC (MARPOL l-Anness VI ir-reg. 15.6);
37. Pjan għall-Ġestjoni tal-Ilma tas-Saborra (BWMP) (BWMC reg. B-1, ir-riżoluzzjoni MEPC.127(53));
38. Rapport tat-Test tal-Konformità LRIT (reg. SOLAS V/19-1.6; MSC.1/Circ.1307);
39. Kopja taċ-Ċertifikat ta' konformità maħruġ mill-faċilità tal-ittestjar, li jiddikjara d-data ta' konformità u l-istandards ta' prestazzjoni applikabbli tal-VDR (reġistratur tad-data dwar il-vjaġġ) (reg. SOLAS V/18.8);
40. Rapport tat-test tal-AIS (reg. SOLAS V/18.9, MSC.1/Circ.1252);
41. Rapport dwar l-Istħarriġ rigward l-Istorbju (reg. SOLAS II-1/3-12);
42. Manwal Operazzjonali dwar il-Monitoraġġ u l-Kontroll tar-Rilaxx taż-Żejt (ODMC) (MARPOL l-Anness I ir-reg. 31; ir-riżoluzzjoni A.496(XII); ir-riżoluzzjoni A.586(14), kif emendata bir-riżoluzzjoni MEPC.24(22); ir-riżoluzzjoni MEPC.108(49), kif emendata bir-riżoluzzjoni MEPC.240(65));
43. Manwal dwar l-Operazzjoni u t-Tagħmir tal-Ħasil taż-Żejt Mhux Raffinat (MARPOL l-Anness I ir-reg. 35, ir-riżoluzzjoni MEPC.81(43));

44. Skedi tad-*Data* tas-Sikurezza tal-Materjal (MSDS) (reg. SOLAS VI/5-1, MSC.286(86));
45. Rekord tal-AFS (AFS 2001 l-Anness 4 ir-reg. 2);
46. Fajl Tekniku tal-Kisi (reg. SOLAS II-1/3-2); u
47. Pjanijiet ta' manutenzjoni (reg. SOLAS II-2/14.2.2, II-2/14.3 u II-2/14.4).

Għal referenza:

1. Ċertifikat tar-Reġistru jew dokument ieħor ta' nazzjonalità (UNCLOS l-art. 9.1.2);
2. Ċertifikati dwar is-saħħa tal-buq tal-vapur u installazzjonijiet makkinarji maħruġa mis-soċjetà ta' klassifikazzjoni kkonċernata (meħtieġa biss jekk il-vapur iżomm il-klassi tiegħu ma' soċjetà ta' klassifikazzjoni);
3. Ktieb tar-Rekords tat-Tagħmir tal-Merkanzija (Konvenzjoni Nru 32 tal-ILO l-art. 9.2(4) u Konvenzjoni Nru 152 l-art. 25);
4. Ċertifikati ta' tagħmir għat-tagħbija u l-ħatt (Konvenzjoni tal-ILO Nru 134 l-art. 4.3(e) u l-Konvenzjoni Nru 32 tal-ILO l-art. 9(4));
5. Ċertifikati mediċi (il-Konvenzjoni tal-ILO Nru 73 jew l-MLC, l-Istandard A1.2 tal-2006);
6. Rekords tas-siġhat tax-xogħol jew tal-bqija tal-baħħara (Konvenzjoni tal-ILO Nru 180 il-parti II l-art. 8.1 jew l-MLC, 2006, Standard A.2.3.12);
7. Ċertifikat tax-Xogħol Marittimu (MLC, 2006, ir-Regolament 5.1.3);
8. Dikjarazzjoni ta' Ċertifikat tax-Xogħol Marittimu (MLC, 2006, ir-Regolament 5.1.3);
9. Dikjarazzjoni ta' konformità tax-xogħol Marittimu (DMLC) abbord (il-partijiet I u II) (MLC, 2006, ir-Regolament 5.1.3);
10. Ftehimiet ta' impjieg tal-baħħara (MLC, 2006, Standard A 2.1);
11. Ċertifikat ta' Assigurazzjoni jew Sigurtà Finanzjarja għar-Ripatriazzjoni tal-Baħħara (MLC, 2006, ir-Regolament 2.5); u
12. Ċertifikat ta' Assigurazzjoni jew Sigurtà Finanzjarja għar-responsabbiltà tas-Sidien tal-vapuri (MLC, 2006, ir-Regolament 4.2)."

ANNEX IV

“ANNEX VI

PROĊEDURI GĦALL-KONTROLL TAL-VAPURI

(imsemmija fl-Artikolu 15(1))

L-Anness I, “Proċeduri ta’ Kontroll mill-Istat tal-Port”, tal-MtQ ta’ Pariġi u l-istruzzjonijiet li ġejjin mill-MtQ ta’ Pariġi, fil-verżjoni aġġornata tagħhom:

PSCC Struzzjonijiet tekniċi

- PSCC41-2008-07 Kodiċi ta’ Prattika Tajba
- PSCC53-2020-08 Definizzjonijiet u Abbrevjazzjonijiet

MtQ Ġenerali ta’ Pariġi

- PSCC54-2021-03 Tip ta’ spezzjoni
- PSCC55-2022-10 Detenzjoni u Azzjoni Meħuda
- PSCC55-2022-08 Formoli mudell
- PSCC52-2019-05 Kontroll operazzjonali
- PSS43-2010-11 Eżenzjonijiet mill-Istat tal-Bandiera
- PSCC48-2015-09 RO Responsabbiltà
- PSCC51 Twaqqif ta’ operazzjoni
- PSCC49-2016-11 Test ta’ black-out
- PSCC53-2020-06 Rifjut ta’ Aċċess (Projbizzjoni)
- PSCC50-2017-12 Struttura tat-trasportaturi bl-ingrossa/tankers taż-żejt
- PSCC43-2010-06 Dħul f’Baċir Imbattal mill-Ilma
- PSCC53-2020-11 Il-permess ta’ vjaġġ wieħed lejn impjant ta’ tiswija għal nuqqasijiet ta’ “danni aċċidentali”

Konvenzjoni SOLAS

- PSCC55-2022-09 Kodiċi tal-ISM
- PSCC54-2021-02 Kodiċi tal-ISPS
- PSCC51-2018-12 ECDIS
- PSCC43-2010-32 VDR (Reġistraturi tad-*Data* tal-Vjaġġ)
- PSCC43-2010-09 Skedi tad-*Data* dwar is-Sikurezza tal-Materjali
- PSCC43-2010-21 GMDSS
- PSCC44-2011-16 Ganċijiet għar-rilaxx tad-dgħajsa tas-sopravivenza fuq it-tagħbija
- PSCC45-2012-10 Stabbiltà tad-danni fuq it-tankers
- PSCC55-2022-05 LRIT
- PSCC43-2010-28 Kejl tal-ħxuna ESP/CAS

- PSCC43-2010-29 Kejl tal-ħxuna
- PSCC51-2018-11 Kodiċi Polari
- PSCC55-2022-02 IGF Kodiċi

Konvenzjoni MARPOL

- PSCC46-2013-18 MARPOL l-Anness I OWS
- PSCC43-2010-39 MARPOL l-Anness II Strippaġġ
- PSCC47-2014-08 MARPOL l-Anness III IMDG
- PSCC55-2022-07 MARPOL l-Anness IV Drenaġġ
- PSCC52-2019-07 MARPOL l-Anness V Skart
- PSCC55-2022-11 MARPOL l-Anness VI Tniġġis tal-Arja
- PSCC43-2010-38 Ħasil taż-żejt grezz
- PSCC44-2011-20 MARPOL Investigazzjoni
- Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Linji tat-Tagħbija
- PSCC54-2021-06 Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Linja tat-Tagħbija

Konvenzjoni AFS

- PSCC47-2014-13 Sistemi tal-Antifouling

Konvenzjoni dwar il-Bunkers

- PSCC43-2010-08 Konvenzjoni dwar il-Bunkers
- Ċertifikazzjoni tal-Baħħara u l-Ekwipaġġ
- PSCC54-2021-04 Ċertifikazzjoni tal-Baħħara u l-Ekwipaġġ (STCW, MLC u SOLAS)
- Konvenzjoni dwar il-Ġestjoni tal-Ilma tas-Saborra
- PSCC51-2018-09 Konvenzjoni dwar il-Ġestjoni tal-Ilma tas-Saborra

Konvenzjonijiet tal-ILO

- PSCC52-2019-10 Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu 2006 (MLC)
- PSCC53-2020-14 Sigħat ta' Xogħol jew ta' Mistrieħ u idoneità għax-xogħol

ANNEX V

“ANNEX VIII

PROĊEDURI RIGWARD IĊ-ĊAĦDA TA' AĊĊESS GĦAL PORTIJET U ANKRAĠĠI FIL-KOMUNITÀ

(imsemmija fl-Artikolu 16)

- (1) Jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet deskritti fl-Artikolu 16(1), l-awtorità kompetenti tal-port li fih jinżamm il-vapur għat-tielet darba għandha tinforma lill-kaptan tal-vapur bil-miktub li se tinħareġ ordni ta' rifjut tal-aċċess li se ssir applikabbli immedjatement wara li l-vapur ikun telaq mill-port. L-ordni tar-rifjut tal-aċċess għandha ssir applikabbli immedjatement wara li l-vapur ikun telaq mill-port wara li n-nuqqasijiet li jwasslu għad-detenzjoni jkunu ġew rimedjati.
- (2) L-awtorità kompetenti għandha tibgħat kopja tal-ordni ta' rifjut tal-aċċess lill-amministrazzjoni tal-Istat tal-bandiera, lill-organizzazzjoni rikonoxxuta konċernata, lill-Istati Membri l-oħrajn, u lill-firmatarji l-oħrajn tal-MtQ ta' Pariġi, lill-Kummissjoni u lis-Segretarjat tal-MtQ ta' Pariġi. L-awtorità kompetenti għandha taġġorna wkoll il-bażi tad-*data* għall-ispezzjonijiet b'informazzjoni dwar iċ-ċaħda ta' aċċess mingħajr dewmien.
- (3) Sabiex titneħħa ordni ta' rifjut tal-aċċess, is-sid jew l-operatur irid jindirizza talba formali lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li tkun imponiet ordni ta' rifjut tal-aċċess. Din it-talba għandha tkun akkumpanjata minn dokument mill-amministrazzjoni tal-Istat tal-bandiera maħruġ wara żjara abbord minn surveyor debitament awtorizzat mill-amministrazzjoni tal-Istat tal-bandiera, li juri li l-vapur jikkonforma bis-sħiħ mad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Konvenzjonijiet. L-amministrazzjoni tal-Istat tal-bandiera għandha tipprovdi evidenza lill-awtorità kompetenti li saret żjara abbord.
- (4) It-talba għat-tneħħija ta' ordni ta' rifjut tal-aċċess trid tkun akkumpanjata wkoll, fejn xieraq, minn dokument mis-soċjetà għal klassifikazzjoni li għandha l-vapur fi klassi wara żjara abbord minn surveyor mis-soċjetà għal klassifikazzjoni, li juri li l-vapur jikkonforma mal-istandards tal-klassi stipulati minn dik is-soċjetà. Is-soċjetà għal klassifikazzjoni għandha tipprovdi evidenza lill-awtorità kompetenti li saret żjara abbord.
- (5) L-ordni ta' rifjut tal-aċċess tista' titneħħa biss wara li jkun għadda l-perjodu msemmi fl-Artikolu 16 ta' din id-Direttiva u l-kumpanija trid tindirizza talba formali lill-awtorità tal-Istat tal-port tal-Istat Membru li tkun imponiet il-projbizzjoni u tipprovdi d-dokumenti mitluba fil-paragrafi 3 u 4
- (6) Talba bħal din, inklużi d-dokumenti meħtieġa, trid tiġi sottomessa lill-Istat li jkun ħareġ il-projbizzjoni mill-inqas xahar qabel tmiem il-perjodu ta' projbizzjoni. Jekk din l-iskadenza ma tiġix issodisfata, f'dak il-każ jista' jseħħ dewmien sa xahar wara li l-Istat li jkun ħareġ il-projbizzjoni jkun irċieva t-talba
- (7) Is-sistema ta' informazzjoni se żżid fattur prevalenti għall-vapur u l-vapur se jiġi indikat responsabbli għat-tip ta' spezzjoni “Spezzjoni estiża” fil-waqfa li jmiss fil-port/l-ankraġġ fir-reġjun.
- (8) L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika wkoll id-deċiżjoni tagħha bil-miktub lill-amministrazzjoni tal-Istat tal-bandiera, lis-soċjetà għal klassifikazzjoni kkonċernata,

lill-Istati Membri l-oħrajn, lill-firmatarji l-oħrajn tal-MtQ ta' Pariġi, lill-Kummissjoni u lis-Segretarjat tal-MtQ ta' Pariġi. L-awtorità kompetenti trid tagħgħorna wkoll il-bażi tad-*data* għall-ispezzjonijiet bl-informazzjoni dwar it-tneħħija tal-aċċess mingħajr dewmien.

- (9) L-informazzjoni marbuta mal-vapuri li kienu miċħudin aċċess għal portijiet fil-Komunità trid issir disponibbli fil-bażi tad-*data* għall-ispezzjonijiet u trid tiġi ppubblikata f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 26 u tal-Anness XIII."